Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris. (Eur. Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Abraham Zammit)
vs
Joseph Penza

Illum 27 ta’ Dicembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Penza, iben Joseph u Katarin nee’ Pace, imwieled Pieta fis-6 ta’ Mejju, 1955 u detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ numru 382255(M) li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fit-28 ta’ Dicembru 1998 ghal xi 5.30p.m., bhala impjegat mal-Gvern ta’ Malta, waqt li kien xoghol fir-residenza ta’ l-anzjani San Vincenz De Paule Hal-Luqa, approprja ghalih iniffsu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, haga ta’ haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc,

amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti sommarjament;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi gie arrestat mill-Pulizija u irrilaxxja stqarrija fid-29 ta’ Settembru, 1999 fejn stqarr illi huwa jahdem l-isptar San Vincenz De Paule ir-residenza ghall-kura tal-anzjani li tinsab f’Hal-Luqa. Huwa qal illi kien impjegat bhala kok u kien ilu hekk impjegat ghal dawn l-

ahhar ghaxar snin.  L-imputat stqarr mal-pulizija li kellu vettura tal-ghamla Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni BAA-432 u li huwa dejjem kien juza din il-karozza sabiex imur ghax-xoghol.  Mistoqsi dwar x'kien gara fit-28 ta' Dicembru, 1998 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar wara li kien sejjer lejn id-dar minn fuq ix-xoghol l-imputat wiegeb lill-pulizija fl-istqarrija tieghu illi dakinhar kienu resqu lejh erba' ufficjali tas-'security' tal-isptar u infurmawh li kienu ser jaghmlulu tfittxija fil-vettura tieghu. Fil-fatt ghamlu din it-tfittxija fil-prezenza tal-istess imputat u sabulu madwar kilo irkotta, kilo zebbug, mija u hamsin gram gobon, kilo u nofs 'cornedbeef' u 'cake' li kien jizen madwar kilo.  L-imputat stqarr illi b'kollox dawn l-oggetti tal-ikel ma jiswewx aktar minn tlett liri u dana skond il-'catering officer' Paul Darmanin u spjega li dawn kienu l-'leftovers' ta' dak il-jum, li minflok marru ghar-rimi huwa fettillu jigborhom u jdehodhom id-dar.  L-imputat stqarr li kien pogga dawn l-oggetti tal-ikel f'boroz tal-plastic u qatt ma basar illi b'dan l-agir tieghu huwa seta jidhol fl-inkwiet.  L-imputat ukoll qal illi din kienet l-ewwel darba li kien ghamel xi haga bhal din.

Illi xehed Paul Darmaninm impjegat bhala 'Catering Manager' fl-isptar St. Vincent De Paule u qal illi filghaxija ta' kull gurnata dejjem jibqghu xi affarijiet tal-ikel illi jkunu 'leftovers' u dawn l-affarijiet wara li l-ikel ikun tqassam tal-

gurnata, l-ghada jkunu ghar-rimi. Dwar l-incident in kwistjoni huwa xehed illi dakinhar ma kien inqala xejn u ma kellhomx domanda ghal aktar ikel u ghalhekk kien baqghalhom l-ikel fl-ahhar tal-gurnata. Paul Darmanin kompla jixhed illi aktar tard dik il-gurnata is-'security guard' kien gablu l-ikel sabiex huwa jiznu u jaghtih il-valur. Dakinhar is-'security guard' ma kienx qallu minn fejn kien gab l-ikel u huwa ma kienx tah l-ebda ricevuta. Ix-xhud qal illi huwa 'in charge' mill-istaff tal-kcina tal-isptar u illi l-imputat huwa impjegat bhala kok u ghandu access ghall-kcina inkluz il-pantry u fil-fatt l-imputat huwa l-iktar bniedem illi jkollu dan it-tip ta' access. Ix-xhud kompla jghid li dan l-ikel l-ghada filghodu ma jintuzax u dana peress illi jista jkun hemm xi mikrobi u s-soltu dan l-ikel jintrema'. Ix-xhud kompla jghid illi l-istima li hareg hu ta' tlett liri u nofs tirrapprezenta l-prezz ta' kemm swew lil Gvern dawn l-oggetti tal-ikel sabiex inxtraw. Ix-xhud qal illi filghaxija dak l-ikel jispicca u ma jkollux l-istess valur, anzi ma jkollu valur xejn ghaliex siegha wara, jew dak il-hin stess jarmuh peress li jkun 'leftover'.

Illi xehed Lawrence Cutajar u qal illi xogholu huwa ta' 'Chief Security' mad-divizzjoni tas-Sahha. Fit-28 ta' Dicembru, 1998 huwa kien xoghol u bhalma dejjem jaghmel kien ghamel spezzjoni fir-residenza ta' San Vincenz De Paule.

Ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar, waqt li kienu qeghdin jaghmlu tfittxija fil-karozzi tal-impjegati ta' San Vincenz De Paule fost l-ohrajn huma kienu waqqfu l-vettura tal-imputat u hemm hekk sabu irkotta, gobon, zebbug, cornedbeef u cake. Ix-xhud kompla jghid illi kwalunkwe oggett li huwa proprjeta tal-Gvern ma jistax jinhareg mill-istess proprjeta tal-Gvern. Huwa xehed ukoll illi l-imputat ma kellu l-ebda koncessjoni jew permess sabiex ikun jista johrog affarijiet tal-ikel minn gol-isptar San Vincenz De Paule. Huwa xehed finalment illi l-affarijiet hallewhom fir-residenza ta' San Vincenz De Paule, issigillawhom u sussegwentement wizinhom is-Sur Darmanin, li hu inkarigat mill-istores.

Illi xehed f'dawn il-proceduri l-imputat fuq imsemmi illi ikkonferma li xogholu hu ta' kok San Vincenz De Paule u illi fit-28 ta' Dicembru, 1998 kien spicca mix-xoghol ghall-habta tas-sitta. Huwa xehed illi dakinhar bhas-soltu ghalqu il-kcina, ikklerjaw dak li kien hemm fuq l-imwejjed sabiex l-ghada filghodu ix-shift illi jidhol isib kollox ikklerjat. Huwa qal illi dak li hu hazin bhas-soltu remewh u ikklerjaw id-dixxijiet fil-pantry. Ix-xhud kompla jghid illi normalment l-ikel li jkun fadal u li jkun ghadu tajjeb jintrema, pero' dakinhar fejn qatt ma kienet minflok rema l-ikel, gabru biex jiehdu ghall-kelb. L-imputat xehed illi gabar il-'leftovers' illi

kien fadal ghal dan l-iskop. Huwa kompla jixhed illi mhux l-ewwel darba li minflok jarmu l-ikel jaghtuhom lill-qtates jew inkella jigi xi hadd sabiex jaghtuh dan l-ikel ghall-kelb, jew dakinhar jew inkella l-ghada filghodu. L-imputat kompla jixhed illi pogga dawn l-affarijiet fl-art fuq gewwa tal-karozza, ghamilhom fl-art quddiem is-seat, ghalaq il-kcina u kien ser imur jaghti c-cwievet ghand tas-‘security’ u sab ‘roadblock’. Gew tas-‘security’ fuqu u sabulu dawn l-oggetti.

Illi in kontro-ezami l-imputat xehed illi l-affarijiet kienu ipparjkati individwalment f’karti u boroz. Hu gabarhom kif kienu u hadhom ghall-kelb. Is-‘security guards’ ghamlu lista tal-affarijiet u taw kopja taghha lis-‘security guard’ illi wizen dawn l-oggetti. Dan kien is-Sur Darmanin li hu inkarigat mill-istores. L-imputat xehed ukoll illi mhux l-ewwel darba li haddiema ohrajn jiehdu l-ikel id-dar ghall-klieb kif kien ghamel hu. Huwa ma kienx jaf jekk kellux bzonn permess jew le sabiex jaghmel dak li kien ghamel. L-imputat ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija u mistoqsi ghaliex ma kienx qal lill-pulizija li kien ha l-ikel ghall-kelb huwa qal illi jista jkun illi bil-fixkla nesa isemmi lill-kelb.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat b'misappropjazzjoni, kif ukoll bl-aggravju illi l-oggetti gew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu u dana peress illi l-imputat kien impjegat bhala kok mal-isptar San Vincenz De Paule.

Illi t-tezi tad-difiza hija illi r-reat ma irrizultax u dana peress illi l-oggetti illi ha l-imputat kienu minghajr valur, kienu *res derelictae,* oggett ghar-rimi u allura minghajr valur. It-tezi tad-difiza hija illi f'dawn ic-cirkostanzi certament ma tistax tirrizulta il-*mens rea* u dana peress li ma kien hemm l-ebda gwadann personali ghall-imputat bit-tehid ta' dawn l-oggetti. Id-difiza argumentat ukoll illi f'kaz ta' *res derelictae* ma jista qatt ikun hemm gwadann personali, ma jista qatt ikun hemm il-*mens rea* u kwindi ma jirrizultax ir-reat.

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat b'misapproprjazzjoni bl-aggravju illi l-oggett illi imissappropja kien gie fdat jew ikkunsinnat lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Illi dwar it-tezi tad-difiza illi l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dan ir-reat peress illi l-oggetti kienu *res derelictae* il-Qorti bir-rispett kollu tiddikjara li ma tistax taqbel ma din it-tezi tad-difiza.

Illi sabiex oggett jitqies li jkun *res derelictae* irid ikun gie abbandunat minn sidu bhal per ezempju jkun gie mitfugh fir-refuse, ghar-rimi, skart.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti qeghda ticcita lill-gurista Atolisei (Manuale di Diritto Penale, parte speciale I, pagna 262 fejn qal hekk :

*"Le cose che erano gia` di proprjeta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate res derelictae e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al proprio dominio. Tali sono ad ezempio le cose gettate nella pattumeria e percio` chi se ne appropria non commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite."*

Illi fil-kaz odjern certament ma jistax jintqal illi l-oggetti ma kienu ta' hadd u cioe *res nullius* u dana peress illi diga gie stabbilit illi l-oggetti kienu proprjeta` tal-Gvern.

Illi kwantu ghat-tezi illi l-oggetti kienu *res derelictae* dana certament lanqas ma jirrizulta u dana peress illi meta l-imputat ha l-oggetti in kwistjoni huwa hadhom mill-kcina u mhux mir-'refuse'. Il-fatt illi l-ghada filghodu dawn l-oggetti setghu intremew ma ifissirx illi fil-mument illi l-imputat ha dawn l-oggetti, tefaghhom fil-karozza tieghu sabiex jehodhom id-dar, f'dak il-mument, u cioe' fil-mument illi gie kommess ir-reat in kwistjoni, l-oggetti kienu mormija u huwa biss dak il-mument illi jinteressa lill-Qorti ghall-fini ta' dan ir-reat u mhux l-ghada filghodu jew l-ghada wara nofsinhar. Fil-mument illi gie kommess ir-reat in kwistjoni l-oggetti <u>ma kienux</u> *res derelictae.*

Illi ghal dak illi jirrigwarda r-reat ta' misapproprjazzjoni il-karatteristika ta' dan ir-reat tikkonsisti fil-vjolazzjoni tal-fiducja, liema fiducja hija il-bazi tar-rapport li minnu jorrigina il-pussess. Issa nafu li l-imputat in kwistjoni f'dan il-kaz kien il-kok tal-isptar San Vincenz De Paule u bhala tali l-oggetti tal-ikel kienu gew fdati lilu sabiex jaghmel uzu specifikat minnhom u cioe' sabiex jaghmel uzu minnhom biex jitma l-pazjenti ta' dak l-isptar u certament mhux sabiex jiehu dan l-ikel, jew dak li jkun fadallu fl-ahhar tal-gurnata u jitimghu lill-kelb jew jaghmel xi uzu iehor minnu.

Illi minkejja l-fatt illi d-difiza sostniet fit-trattazzjoni taghha illi l-imputat ma ha l-ebda beneficcju ghalih bit-tehid ta' dan l-ikel, meta xehed f'dawn il-proceduri l-imputat qal illi l-ikel kien hadu sabiex jitimghu lill-kelb u b'hekk allura zghir kemm hu zghir huwa kien ser jitma l-kelb b'dan l-ikel u b'hekk jiffranka illi joqghod jiftahlu xi bott tal-ikel tal-klieb, jew jitimghu xi haga ohra. Ghaldaqstant anke dan l-element u cioe ta' gwadann ghall-agent gie ukoll ippruvat. Kif ighid l-Antolisei :

*"Il delitto di appropriazione indebita costituisce una violazione del diritto di proprieta`. La vera essenza del reato infatti consiste nell'abbuso del possessore il quale dispone della cose come se ne fosse proprietario uti dominus egli assume e si arroga poteri che spettano al proprietario e esercitandoli ne danneggia il patrimonio".*

Illi l-elementi kollha tar-reat ta' misappropjazzjoni gew ippruvati fil-kaz odjern. Gie ippruvat ukoll l-aggravju illi l-misapproprjazzjoni kommessa mill-imputat kienet ta' oggetti li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu u dana peress illi gie ippruvat illi l-oggetti kienu gew fdati lilu peress illi huwa kien il-kok ta' San Vincenz De Paule. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq

imsemmija il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti qieset il-fatt illi l-oggetti illi gew misapproprjati mill-imputat kellhom valur minimu ferm. Effettivament il-valur taghhom kien ta' tlett liri u nofs (LM3.50). Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta. Fil-fatt huwa kien gie misjub hati fis-16 ta' Marzu, 1976 talli kien saq vettura b'manjiera traskurata. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti certament ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap 152 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spejgat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur